Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Frar 2023**
**(OR. en)**

**6426/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0164(COD)**

**CODEC 190**
**ECOFIN 147**
**UEM 32**
**FIN 215**
**COH 19**
**AGRI 64**
**AGRIFIN 20**
**AGRISTR 11**
**FORETS 12**
**PECHE 48**
**CLIMA 76**
**ENV 134**
**CADREFIN 21**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 177, l-ewwel paragrafu, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 322(2) TFUE.

2. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fil-21 ta' Lulju 2022[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2022[3].

[1] 9337/22.
[2] ĠU C 333, 1.9.2022, p. 5.
[3] ĠU C 486, 21.12.2022, p. 185.

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

5. Fl-14 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss:

- il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher f'PE-CONS 80/22; u
- d-dikjarazzjoni mill-Kunsill, li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

7. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[4] 6286/23.